MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## SILVIO MELI

Seduta tal-11 ta' Gunju, 2014

Citazzjoni Numru. 43/2010

**Rikors Numru 43/10 SM**

***Marsovin Limited***

**(C – 115)**

**vs**

**Alfred Attard (ID 407343 M)**

**Consiglia Attard (ID166646 M)**

**John Farrugia (ID442171 M)**

**Nathalie Farrugia (ID 22073 M)**

**Antoine Attard (ID 25347 M)**

**Marlene Attard (ID 357872 M)**

**Stefan Micallef (ID 135173 M)**

**U Dianne Micallef (ID 419575 M)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat il-15 ta' Jannar, 2010, li permezz tieghu s-socjeta` rikorrenti sintetikament esponiet is-segwenti:

1.1 Illi giet kanonizzata kreditrici tal-intimat Alfred Attard fis-somma komplessiva ta' erbgha u tletin elf, seba' mija u hames Ewro u hamsa u hamsin centezmu, (€34,705.55), oltre l-imghaxijiet dovuti mill-14 ta' Jannar, 1994, sad-data ta' l-effettiv pagament;

1.2 Illi s-socjeta` rikorrenti giet hekk kanonizzata kreditrici a bazi tas-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet Lina Wain in rappresentanza ta' *Marsovin Limited*, datata t-3 t'Ottubru, 2008, liema sentenza ma gietx appellata, (ara foll 6);

1.3 Illi in vista tal-istess, is-socjeta` rikorrenti talbet li l-fond "*Alfred House*", Triq Cachia Zammit, iz-Zejtun, jinbiegh bis-subbasta;

1.4 Illi b'rikors in atti tal-imsemmija subbasta, l-intimati sostnew li l-imsemmi fond ma setax jinbiegh stante li mhux proprjeta` ta' Alfred Attard biss, izda hu wkoll ta' martu Consiglia Attard;

1.5 Illi *di piu`*, l-istess Alfred u Consiglia konjugi Attard ittrasferew l-istess fond lill-intimati permezz ta' kuntratt datat it-28 t'Awwissu, 2002, in atti tan-Nutar Dottor Anthony Abela;

1.6 Illi konsegwenza tal-istess, is-subbasta fuq riferita ma setghetx titkompla;

1.7 Illi nonostante l-bejgh fuq riferit, il-konjugi Alfred u Consiglia Attard xorta baqghu jirrisjedu fl-imsemmi fond;

1.8 Illi ghalhekk it-trasferiment in dizamina sar:

1.8.1. B'qerq

1.8.2. Biex jevadi l-obbligi tal-intimat Alfred Attard li jhallas l-ammont kanonizzat fis-sentenza fuq riferita lis-socjeta` rikorrenti;

1.9 Illi ghalhekk ukoll is-socjeta` rikorrenti hi intitolata timpunja l-kuntratt datat it-28 t'Awwissu, 2002, fuq riferit, (ara paragrafu wiehed punt hamsa, (1.5), aktar qabel);

1.10 Illi in vista tal-premess, aderiet din il-qorti biex l-intimati jkollhom l-opportunita` jwiegbu ghas-segwenti talbiet li qed jigu sottomessi lill-qorti, *de quo* biex din:

1.10.1. Tiddikjara li l-kuntratt tat-28 t'Awwissu, 2002, fl-atti tan-Nutar Dottor Anthony Abela li sar bejn id-debituri intimati Alfred u Consiglia Attard u l-intimati l-ohra sar b'qerq u bi hsara ghall-jeddijiet tas-socjeta` rikorrenti;

1.10.2. Tiddikjara li l-istess kuntratt indikat fil-paragrafu precedenti m'ghandu l-ebda effett in kwantu jirreferi ghad-drittijiet tas-socjeta` rikorrenti;

1.10.3. Bl-ispejjez tal-procedura odjerna u tal-mandat t'inibizzjoni ipprezentat kontestwalment kontra l-intimati *in solidum*;

2.0 Rat ir-risposta guramentata tal-intimati datata l-5 ta' Frar, 2010, li permezz taghha sintetikament esponew is-segwenti:

2.1 Illi fit-trasferiment in dizamina m'hemm l-ebda qerq;

2.2 Illi l-intimati wlied l-intimat Alfred Attard saru jafu li missierhom kellu dejn mal-bank izda ma kienux jafu bid-dejn li hu kellu mas-socjeta` rikorrenti;

2.3 Illi l-istess ulied uzufruwew ruhhom mill-atti tas-subbasta li l-istess bank kien intavola u xtraw ir-residenza in dizamina biex jipprokuraw residenza ghall-genituri taghhom;

2.4 Illi l-istess ulied hallsu prezz gust ghall-istess;

2.5 Illi l-flus minnhom imhallsa marru ghand il-kredituri tal-genituri taghhom;

3. Rat id-digriet taghha datat il-5 t'April, 2011, li permezz tieghu hatret lill-assistent gudizzjarju hemm indikat biex jespleta l-inkarigu lilu moghti, (ara foll 56);

4. Rat id-digriet taghha datat il-15 ta' Novembru, 2011, li permezz tieghu ordnat li l-inkartament in atti tal-istess assistent gudizzjarju indikat jigi ritornat in atti, (ara foll 79);

5. Rat id-digriet taghha datat it-23 ta' Jannar, 2013, li permezz tieghu, ghar-ragunijiet hemm indikati, awtorizzat lill-partijiet biex jitrattaw il-kawza bil-modalita` hemm indikata, (ara foll 128);

6. Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet rispettivament datati t-22 t'April, 2013, (ara foll 129 *et sequitur*), u z-19 ta' Gunju, tal-istess sena, (ara foll 135 *et sequitur*);

7. Rat il-verbal tal-abbli rapprezentant legali tal-intimati datat iz-19 ta' Gunju, 2013, li permezz tieghu informa lill-qorti li l-intimat Alfred Attard miet fil-mori tal-kawza;

8. Rat ir-rikors tas-socjeta` rikorrenti datat il-21 t'Ottubru, 2013, li ghar-ragunijiet hemm esposti talbet li jinhatru kuraturi deputati biex jirrapprezentaw l-eredita` battala tal-mejjet Alfred Attard;

9. Rat id-digriet taghha datat it-23 t'Ottubru, 2013, li permezz tieghu, ghar-ragunijiet hemm indikati, laqghet it-talba tas-socjeta` rikorrenti indikata fil-paragrafu precedenti;

10. Rat in-nota tar-Registratur Qrati Civili u Tribunali datata t-18 ta' Novembru, 2013, li peremzz taghha gew appuntati Dottor Dorianne Vella u l-Prokuratur Legali Hilda Ellul Mercer bhala kuraturi deputati kif fuq indikat, (ara foll 140);

11.0 Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati ghar-rikors guramentat promotur, datata l-20 ta' Jannar, 2014, li permezz taghha sintetikament esponew is-segwenti:

11.1 Illi m'humiex edotti mill-fatti;

11.2 Illi qed jirrizervaw id-dritt li jipprezentaw risposta ulterjuri;

11.3 Salv risposta ulterjuri;

12. Rat il-verbal datat is-6 ta' Marzu, 2014, li permezz tieghu il-partijiet infurmaw lill-qorti li ma kellhom xejn aktar x'jipproducu;

13. Rat ix-xhieda u d-dokumenti kollha esebiti;

Ikkunsidrat:

14.0 Illi l-fatti in dizamina jistghu jigu elenkati bil-mod segwenti:

14.1 Illi l-procedura odjerna hi limitata ghas-segwenti talbiet:

14.1.1. Tiddikjara li l-kuntratt datat it-28 t'Awwissu, 2002, fuq riferit sar b'qerq u biex jilledi d-drittijiet tas-socjeta` rikorrenti;

14.1.2. Tiddikjara li allura l-istess kuntratt hu minghajr effett;

Ikkunsidrat:

15. Illi d-defunt Alfred Attard kien agent tas-socjeta` rikorrenti;

16. Illi fir-relazzjoni kummercjali li hu kien kellu mas-socjeta` rikorrenti jirrizulta li kien akkumula dejn konsiderevoli fil-konfront tal-istess socjeta`;

17. Illi rizultat tal-istess, id-dejn kien kristallizzat b'sentenza datata t-3 t'Ottubru, 2008, (ara paragrafu numru wiehed punt tnejn, (1.2.), aktar qabel);

18. Illi jirrizulta wkoll li l-imsemmi Alfred Attard kien isofri mill-problema tal-loghob li kompliet taggrava s-sitwazzjoni;

19. Illi meta s-socjeta` rikorrenti bdiet tezegwixxi s-sentenza fuq gia` riferita, l-istess procedura giet imwaqqfa;

20. Illi *di piu`*, l-uniku sors ta' possibbli introjtu li s-socjeta` rikorrenti kellha biex tissodisfa l-kreditu lilha dovut, senjatament ir-residenza ta' l-intimati konjugi Attard, inbieghet lill-uliedhom;

21. Illi konsegwentement is-socjeta` rikorrenti qed tuzufruwixxi ruhha mill-azzjoni odjerna biex in tutela tad-drittijiet taghha, tezercita l-*actio pawliana*;

Ikkunsidrat:

22.0 Illi din l-azzjoni tippernja fuq l-artiklu 1144 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta li sintetikament isostni u jistabbilixxi s-segwenti:

22.1 Illi kreditur jista' jattakka atti maghmula b'qerq mid-debitur bi hsara ghad-drittijiet tieghu;

22.2 Illi f'kaz ta' titolu oneruz il-kreditur irid jipprova l-qerq miz-zewg nahat tal-kuntratt;

22.3 Illi f'kaz ta' titolu gratuwitu il-kreditur bizzejjed jipprova l-qerq da parti tad-debitur;

23.0 Illi ghalhekk tenut kont li *si tratta* ta' titolu oreruz, ir-rekwiziti involuti huma s-segwenti:

23.1 L-ezistenza ta' kreditur u debitur;

23.2 Il-qerq miz-zewg partijiet fil-kuntratt;

23.2 Il-hsara tad-drittijiet tal-kreditur;

24.0 Illi fir-rigward tal-ezistenza tal-kreditu jinghad is-segwenti:

24.1 Illi l-kreditu in dizamina favur is-socjeta` rikorrenti hu naxxenti mis-sentenza favorevoli li l-istess socjeta` otteniet fit-3 t'Ottubru, 2008, fil-konfront ta' Alfred Attard;

24.2 Illi stante li l-istess ma gietx appellata, allura ghaddiet in gudikat;

24.3 Illi ghalhekk il-kreditu *de quo* hu dak kanonizzat fil-imsemmija sentenza;

Ikkunsidrat:

25.0 Illi fir-rigward tal-qerq miz-zewg partijiet involuti jinghad sintetikament is-segwenti:

25.1 Illi rizultat tal-att tal-intimati li qed jigi hawn impunjat, is-socjeta` rikorrenti tirrizulta li qed issofri danni stante li l-kreditu lilha dovut allura ma jigix lilha imhallas peress li d-debitur issa gie rez insolvibbli;

25.2 Illi t-trasferiment tal-fond *de quo* jpoggi lis-socjeta` rikorrenti f'pozizzjoni li ma ssib xejn x'jaghmel tajjeb ghall-kreditu taghha;

25.3 Illi jirrizulta li l-imsemmi Alfred Attard ma kellu xejn hlief ir-residenza tieghu biex taghmel tajjeb ghad-djun minnu akkumulati;

25.4 Illi tisparixxi din il-proprjeta`, is-socjeta` rikorrenti ma jkollha xejn aktar fuq xiex tistrieh biex tissodisfa l-kreditu taghha, u ghalhekk tigi pregudikata b'mod irrimedjabbli;

Ikkunsidrat:

26. Illi jirrizulta pacifiku li l-azzjoni intrapriza minn ulied id-*decuius* biex jixtru l-fond *de quo* kienet mossa intiza biex jirraggiraw id-debitu li missierhom akkumula fil-konfront tas-socjeta` rikorrenti biex b'hekk, jghadduha franka;

27. Illi din il-qorti hi sodisfatta li fl-agir taghhom l-intimati kellhom dak il-*concilium fraudis* tant abborrenti ghas-saltna tad-dritt, stante li jirrizultaw li kienu konxji li b'dan l-att taghhom kienu qed jirrendu ruhhom insolventi, u dan, bil-ghan li jevadu r-responsabbilita` dovuta lis-socjeta` rikorrenti;

28. Illi kif gie sostnut fil-kawza ***Ta' Frenc Real Estate Limited* vs L-Avukat Dottor Chris Said et nomine tat-8 t'April, 2011**:

> " … ikun bizzejjed ghall-attur li jipprova biss li d-debitur kien jaf li qed jirrendi impossibbli jew difficli ghall-kreditur li jikkonsegwixxi dak li lilu jisthoq in konsegwenza … tad-dritt tieghu";

DECIDE:

29.0 Illi konsegwenza tas-suespost, din il-qorti hi sodisfatta li s-socjeta` rikorrenti ippruvat il-kaz taghha skont il-ligi u ghalhekk, filwaqt li qed takkolji t-talbiet kollha taghha, tirrespingi r-risposta tal-intimati, u konsegwentement:

29.1 Tiddikjara li l-kuntratt datat it-28 t'Awwissu, 2002, fl-atti tan-Nutar Dottor Anthony Abela li sar bejn id-debituri intimati Alfred u Consiglia Attard u l-intimati l-ohra sar b'qerq u bi hsara ghall-jeddijiet tas-socjeta` rikorrenti;

29.2 Tiddikjara li l-istess kuntratt indikat fil-paragrafu precedenti m'ghandu l-ebda effett in kwantu jirreferi ghad-drittijiet tas-socjeta` rikorrenti;

29.3 Bl-ispejjez ta' din il-procedura u tal-mandat t'inibizzjoni ipprezentat kontestwalment kontra l-intimati *in solidum*.

---

Onor. Imhallef Silvio Meli

DECIZJONI FINALI

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------